NOVEMBRU-DIĊEMBRU 2014

# IT-TORRI TAL-GĦASSA

JĦABBAR IS-SALTNA TA' ĠEĦOVA



## IS-SALTNA T'ALLA

X'TISTA' TFISSER GĦALIK?

IT-TORRI TAL-GĦASSA
JĦABBAR IS-SALTNA TA' ĠEĦOVA

Vol. 135, No. 21
Monthly and supplemental bimonthly editions
MALTESE

DIN IR-RIVISTA, *It-Torri tal-Għassa,* tonora lil Alla Ġeħova, il-Ħakkiem tal-univers. Tfarraġ lin-nies bl-aħbar tajba li s-Saltna t'Alla fis-sema dalwaqt se ttemm il-ħażen kollu u tbiddel l-art f'ġenna. Tinkuraġġixxi fidi f'Ġesù Kristu, li miet sabiex aħna niksbu l-ħajja ta' dejjem u li issa qed jaħkem bħala Sultan tas-Saltna t'Alla. Din ir-rivista ilha tiġi pubblikata kontinwament sa mill-1879 u ma tindaħalx fil-politika. Iżżomm il-Bibbja bħala l-awtorità tagħha.

Stampar ta' kull ħarġa:
45,944,000 B'220 LINGWA

**NOVEMBRU-DIĊEMBRU 2014**

## SUĠĠETT PRINĊIPALI

## Is-Saltna t'Alla —X'tista' tfisser għalik? PAĠNI 3-9

Għala tinteressa ruħek fis-Saltna t'Alla? 3

Is-Saltna t'Alla—Xi tfisser għal Ġesù 4

Is-Saltna t'Alla—X'se tfisser għalik? 8

## UKOLL F'DIN IL-ĦARĠA

Imita l-fidi tagħhom
—Kif nista' jien nagħmel dan il-ħażen hekk kbir? 10

Il-Bibbja tbiddel il-ħajjiet 14

Mistoqsijiet dwar il-Bibbja mweġbin 16

Tixtieq iktar informazzjoni jew studju tal-Bibbja b'xejn?

Żur www.jw.org/mt jew ibgħat ir-rikjesta tiegħek f'wieħed mill-indirizzi t'hawn taħt.

MALTA:
Xhieda ta' Ġeħova
IBSA House, Triq il-Waqqafa
Mosta MST 4486

BRITAIN:
Jehovah's Witnesses
The Ridgeway
London NW7 1RN

Għal lista sħiħa tal-indirizzi madwar id-dinja, ara www.jw.org/mt/ikkuntattja.

JW.ORG™ AQRA IKTAR ONLAJN | www.jw.org/mt



MISTOQSIJIET OĦRAJN DWAR IL-BIBBJA MWEĠBIN—Għala Għandek Titlob? Se Jwiġibni Alla?

(Ikklikkja fuq TAGĦLIM TAL-BIBBJA > MISTOQSIJIET DWAR IL-BIBBJA MWEĠBIN)



IDDAWNLOWDJA DIN IR-RIVISTA MILL-INTERNET

Din il-pubblikazzjoni mhijiex għall-bejgħ. Hija provduta bħala parti minn xogħol edukattiv tal-Bibbja mad-dinja kollha appoġġat minn donazzjonijiet volontarji. Jekk mhux indikat mod ieħor, il-kwotazzjonijiet mill-Iskrittura huma meħudin mit-*Traduzzjoni tad-Dinja l-Ġdida ta' l-Iskrittura Mqaddsa* li għandha lingwa moderna.

*The Watchtower* (ISSN 0043-1087) is published semimonthly by Watchtower Bible and Tract Society of New York, Inc.; L. Weaver, Jr., President; G. F. Simonis, Secretary-Treasurer; 25 Columbia Heights, Brooklyn, NY 11201-2483, U.S.A., and in England by Watch Tower Bible and Tract Society of Britain, The Ridgeway, London NW7 1RN (Registered in England as a Charity).
© 2014 Watch Tower Bible and Tract Society of Pennsylvania. Printed in Britain.



# Għala tinteressa ruħek fis-Saltna t'Alla?

Miljuni ta' nies madwar id-dinja jemmnu li s-Saltna t'Alla hi r-raġuni għala jista' jkollhom tama għall-futur. Huma jsegwu l-eżempju li ħalla Ġesù, li għallem lis-segwaċi tiegħu jitolbu: "Tiġi saltnatek, ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art."—Mattew 6:10, *Il-Bibbja,* Għaqda Biblika Maltija.

Filwaqt li ħafna **nies** huma interessati ħafna fis-Saltna t'Alla, ħafna **reliġjonijiet** jidher li ftit jagħtu kasha. B'konnessjoni ma' dan, l-istorjografu H. G. Wells qal li Ġesù ta prominenza kbira lit-tagħlim ta' dik li sejħilha s-Saltna tas-sema, madankollu Wells qal li dan it-tagħlim għandu ftit sinifikat meta mqabbel mat-tagħlim tal-biċċa l-kbira tar-reliġjonijiet Kristjani.

Għall-kuntrarju ta' dawn il-knejjes, ix-Xhieda ta' Ġeħova jagħtu ħafna importanza lis-Saltna t'Alla. Ikkunsidra dan: Ir-rivista ewlenija tagħna li qed taqra int issa hi pubblikata f'220 lingwa. Jiġu stampati kważi 46 miljun kopja ta' kull ħarġa, u dan jagħmilha l-iktar rivista mqassma fid-dinja kollha. U x'inhu l-messaġġ ewlieni ta' din ir-rivista? Innota t-titlu sħiħ tagħha: *It-Torri tal-Għassa Jħabbar is-Saltna ta' Ġeħova.**

Ix-Xhieda ta' Ġeħova għala jagħmlu tant sforz biex iħabbru, jew jirreklamaw, is-Saltna t'Alla? L-ewwel nett, nemmnu li s-Saltna t'Alla hi l-messaġġ prinċipali tal-iktar ktieb importanti fid-dinja—il-Bibbja. Iżjed minn hekk, aħna konvinti li s-Saltna t'Alla hi l-unika soluzzjoni vera għall-problemi li tħabbat wiċċha magħhom l-umanità llum.

Meta jiġbdu l-attenzjoni lejn is-Saltna t'Alla, ix-Xhieda ta' Ġeħova jkunu qed jagħmlu ħilithom biex isegwu l-eżempju ta' Ġesù. Waqt li kien fuq l-art, is-Saltna t'Alla kienet l-iktar ħaġa importanti fil-ħajja ta' Ġesù u l-iktar tema importanti fil-ministeru tiegħu. (Luqa 4:43) Is-Saltna għala kienet tfisser daqshekk għal Ġesù? U x'tista' tfisser **għalik?** Nistidnuk tikkunsidra t-tweġibiet tal-Bibbja kif jiġu diskussi fl-artikli li ġejjin.

* Ġeħova hu l-isem t'Alla kif muri fil-Bibbja.



IS-SALTNA T'ALLA

# Xi tfisser għal Ġesù

Matul il-ministeru tiegħu fuq l-art, Ġesù tkellem dwar bosta suġġetti. Pereżempju, għallem lis-segwaċi tiegħu kif jitolbu, kif jogħġbu lil Alla, u kif isibu l-ferħ veru. (Mattew 6:5-13; Marku 12:17; Luqa 11:28) Imma s-suġġett li Ġesù tkellem dwaru l-iktar—is-suġġett li l-iktar kien jgħożż—kien is-Saltna t'Alla.—Luqa 6:45.

Bħalma ssemma fl-artiklu ta' qabel dan, Ġesù ffoka ħajtu fuq li "jippriedka u jxandar l-aħbar tajba tas-saltna." (Luqa 8:1) Hu tħabat, mexa mijiet ta' kilometri fl-art ta' Iżrael sabiex jgħallem lin-nies dwar is-Saltna t'Alla. Il-ministeru ta' Ġesù nkiteb fl-erba' Evanġelji, li fihom 'il fuq minn 100 referenza għas-Saltna. Il-biċċa l-kbira minn dawk ir-referenzi qegħdin fil-kliem ta' Ġesù, u madankollu jirrappreżentaw biss ftit minn dak kollu li qal dwar is-Saltna t'Alla!—Ġwanni 21:25.

Is-Saltna għala kienet tant għal qalb Ġesù meta kien fuq l-art? Ġesù kien jaf li Alla kien għażel lilu bħala l-Mexxej tagħha. (Isaija 9:6; Luqa 22:28-30) Imma Ġesù ma kienx moħħu f'li jakkwista l-qawwa jew il-glorja għalih. (Mattew 11:29; Marku 10:17, 18) Hu ta importanza lis-Saltna iżda mhux għall-benefiċċju tiegħu stess. Ġesù primarjament kien u għadu interessat fis-Saltna t'Alla* minħabba f'dak li se tagħmel għal dawk li hu jħobb—Missieru tas-sema u s-segwaċi leali tiegħu.

### X'SE TAGĦMEL IS-SALTNA GĦAL MISSIER ĠESÙ

Ġesù għandu mħabba profonda għal Missieru tas-sema (Proverbji 8:30; Ġwanni 14:31) Hu jammira l-kwalitajiet li jiġbduk ta' Missieru, bħal pereżempju l-imħabba Tiegħu, il-mogħdrija Tiegħu, u l-ġustizzja Tiegħu. (Dewteronomju 32:4; Isaija 49:15; 1 Ġwanni 4:8) Mela, Ġesù żgur li jobgħod jisma' l-gideb li jixxerred dwar Missieru—gideb bħal li Alla ma jimpurtahx mit-tbatija tal-bnedmin u li Alla **jridna** nbatu. Din hi raġuni waħda għala Ġesù kien ħerqan li jxandar "l-aħbar tajba tas-saltna"—kien jaf li maż-żmien is-Saltna kienet se tnaddaf ir-reputazzjoni ta' Missieru. (Mattew 4:23; 6:9, 10) Kif se tagħmlu dan?

Permezz tas-Saltna, Ġeħova se jieħu azzjoni deċiżiva u pożittiva għall-benefiċċju tar-razza umana. Hu se 'jixxotta kull demgħa' minn għajnejn il-bnedmin leali. Ġeħova se jelimina l-**kaġuni** ta' dan id-dmugħ u jaċċerta li "ma jkunx hemm iżjed mewt, u la niket u la għajat u lanqas uġigħ." (Rivelazzjoni 21:3, 4) Permezz tas-Saltna, Alla se jelimina t-tbatija umana kollha.*

Mhux ta' b'xejn li Ġesù kien ħerqan biex jgħid lin-nies dwar is-Saltna! Kien jaf li kienet se turi

* Dan l-artiklu jirreferi għas-sentimenti ta' Ġesù fil-preżent għax Ġesù hu ħaj fis-sema, u mindu rritorna fis-sema, is-Saltna bla dubju baqgħet għażiża għalih.—Luqa 24:51.

* Għal informazzjoni dwar għala Alla ppermetta t-tbatija umana għal xi żmien, ara kapitlu 11 tal-ktieb *Il-Bibbja X'Tgħallem Verament?* pubblikat mix-Xhieda ta' Ġeħova. Disponibbli wkoll fuq www.jw.org/mt.



kemm verament hu qawwi u kemm juri mogħdrija l-Missier. (Ġakbu 5:11) Ġesù kien jaf ukoll li s-Saltna kienet se tkun ta' benefiċċju għal oħrajn li jħobb—il-bnedmin leali.

## X'SE TAGĦMEL IS-SALTNA GĦAL BNEDMIN LEALI

Ħafna żmien qabel ma ġie fid-dinja, Ġesù għex fis-sema ma' Missieru. Il-Missier uża lill-Iben biex joħloq kollox—mis-smewwiet tal-għaġeb bil-kwiekeb u bil-galassji bla għadd tagħhom sal-pjaneta mill-isbaħ tagħna u l-annimali li jgħixu fiha. (Kolossin 1:15, 16) Minnhom kollha, però, Ġesù sar 'jgħożż' lill-bnedmin.—Proverbji 8:31.

Ġesù wera l-imħabba kbira li kellu għall-bnedmin fil-ministeru tiegħu. Mill-bidu nett, għamilha ċara li kien ġie fid-dinja sabiex 'ixandar aħbar tajba' lil dawk fil-bżonn. (Luqa 4:18) Imma Ġesù mhux sempliċement **tkellem** dwar li jgħin lin-nies. Darba wara l-oħra **wera** mħabbtu għall-bnedmin. Pereżempju, meta nġabret folla kbira biex jisimgħuh jitkellem, Ġesù "tħassarhom, u fejqilhom il-morda tagħhom." (Mattew 14:14) Meta raġel b'marda ta' wġigħ wera fidi f'li Ġesù seta' jfejqu jekk verament ried, Ġesù tqanqal bl-imħabba. Hu fejjaq lir-raġel u b'mogħdrija qallu: "Irrid. Indaf." (Luqa 5:12, 13) Meta Ġesù ra lill-ħabiba tiegħu Marija mnikkta minħabba l-mewt ta' ħuha, Lazzru, Ġesù "karab fl-ispirtu tiegħu," "tnikket," u "qabiżlu d-dmugħ." (Ġwanni 11:32-36) Imbagħad għamel xi ħaġa li ħadd qatt ma immaġina li se jagħmel—Ġesù rxoxta lil Lazzru għalkemm kien ilu mejjet erbat ijiem!—Ġwanni 11:38-44.

M'għandniex xi ngħidu, Ġesù kien jaf li s-serħan li offra dak iż-żmien kien biss temporanju. Hu rrealizza li llum jew għada, dawk kollha li fejjaq kienu se jerġgħu jimirdu u dawk kollha li rxoxta kienu se jerġgħu jmutu. Madankollu, Ġesù kien jaf ukoll li s-Saltna t'Alla kienet se ġġib tmiem permanenti għal problemi bħal dawn. Hu għalhekk li Ġesù mhux sempliċement għamel il-mirakli; hu ddikjara b'żelu wkoll "l-aħbar tajba tas-saltna." (Mattew 9:35) Il-mirakli tiegħu wrew fuq skala żgħira dak li se tagħmel dalwaqt is-Saltna t'Alla madwar id-dinja. Ikkunsidra xi twiegħed il-Bibbja dwar dak iż-żmien.

## Ma jkunx hemm iżjed problemi ta’ saħħa.

“F’dak iż-żmien jinfetħu għajnejn l-għomja, u jinfetħu widnejn it-torox. Dak iż-żmien iz-zopp se jixxabbat bħaċ-ċerv, u lsien il-mutu se jgħajjat bil-ferħ.” Iżjed minn hekk, “ħadd minn min jgħammar hemmhekk ma jgħid: ‘Jien marid.’ ” —Isaija 33:24; 35:5, 6.



## Ma jkunx hemm iżjed mewt.

“Il-ġusti se jirtu l-art, u jgħammru fiha għal dejjem.”—Salm 37:29.

“Hu jibla’ l-mewt għal dejjem, u l-Mulej Sovran Ġeħova se jimsaħ id-dmugħ mill-uċuħ kollha.” —Isaija 25:8.

## Dawk li mietu se jerġgħu jgħixu.

“Dawk kollha li qegħdin fl-oqbra tat-tifkira jisimgħu leħnu u joħorġu.”—Ġwanni 5:28, 29.

“Se jkun hemm irxoxt.”—Atti 24:15.



## Ma jkunx hemm iżjed nies bla djar jew mingħajr impjieg.

“Se jibnu djar u jgħammru fihom; u jħawlu għelieqi bid-dwieli u jieklu frotthom. Ma jibnux u jgħammar ħaddieħor; ma jħawlux u jiekol ħaddieħor. . . . Se jużaw xogħol idejhom bis-sħiħ.”—Isaija 65:21, 22.



## Ma jkunx hemm iżjed gwerer.

“Qed iwaqqaf il-gwerer sa tarf l-art.”—Salm 46:9.

“Ġens ma jerfax sejf kontra ġens, u ma jitħarrġux iktar għall-gwerra.”—Isaija 2:4.



## Ma jkunx hemm iżjed nuqqas ta’ ikel.

“L-art infisha se tagħti l-prodott tagħha; Alla, Alla tagħna, se jberikna.”—Salm 67:6.

“Se jkun hemm ħafna qmuħ fuq l-art; fuq il-qċaċet tal-muntanji jkun hemm iżżejjed.” —Salm 72:16.

## Ma jkunx hemm iżjed faqar.

“Il-fqir ma jibqax minsi għal dejjem.” —Salm 9:18.

“Hu se jeħles lill-fqir li jgħajjatlu għall-għajnuna, u lill-magħkus u lil kulmin m’għandux min jgħinu. Se jiddispjaċih għall-batut u għall-fqir, u jsalva ħajjet il-foqra.”—Salm 72:12, 13.





Meta tqis dawn il-wegħdi rigward is-Saltna t’Alla, tista’ tara għala s-Saltna t’Alla hi tant għażiża għal Ġesù? Meta kien fuq l-art, hu kien ħerqan biex jitkellem ma’ kull min ried jisma’, għax hu kien jaf li s-Saltna kienet se ġġib fi tmiemhom il-problemi ta’ wġigħ li naraw illum.

Il-wegħdi tal-Bibbja rigward is-Saltna jħajruk? Jekk inhu hekk, kif tista’ titgħallem iżjed dwar dik is-Saltna? U x’tista’ tagħmel biex tkun ċert li se tibbenefika mill-barkiet tagħha? L-aħħar artiklu f’din is-serje se jwieġeb dawn il-mistoqsijiet.



# IS-SALTNA T'ALLA

# X'se tfisser *għalik?*

Aktarx fhimt mill-artikli ta' qabel dan li s-Saltna t'Alla tfisser ħafna għax-Xhieda ta' Ġeħova. U forsi ġietek il-kurżità dwar uħud mill-barkiet futuri tas-Saltna t'Alla li ġew diskussi. Fl-istess ħin għandek mnejn taħseb jekk wegħdi bħal dawn jistgħux verament iseħħu.

Tagħmel sew toqgħod b'seba' għajnejn minflok ma temmen kulma tisma'. (Proverbji 14:15) B'xi modi, l-għaqal tiegħek jista' jitqabbel ma' dak tal-Bereani tal-qedem.* Meta għall-ewwel intqalilhom dwar l-aħbar tajba tas-Saltna, il-Bereani aċċettaw dak li semgħu, però mhux sempliċement għax **xtaqu** li jkun veru. Pjuttost, eżaminaw l-Iskrittura bir-reqqa "biex jaraw jekk dak li semgħu kienx minnu." (Atti 17:11) Fi kliem ieħor, il-Bereani qabblu l-aħbar tajba li semgħu ma' dak li tgħid l-Iskrittura. Maż-żmien, saru konvinti li l-aħbar tajba kienet fil-fatt ibbażata fis-sod fuq il-Kelma t'Alla.

Ix-Xhieda ta' Ġeħova minn qalbhom jistidnuk tagħmel l-istess. Permezz tal-programm tagħna ta' studju tal-Bibbja b'xejn, noffrulek l-opportunità li tqabbel dak li jemmnu x-Xhieda ta' Ġeħova dwar is-Saltna t'Alla ma' dak li tgħallem il-Bibbja.

Barra milli titgħallem dwar is-Saltna t'Alla, l-istudju tiegħek tal-Bibbja jista' jgħinek issib it-tweġibiet għall-mistoqsijiet importanti tal-ħajja.

* Berea kienet belt fil-Maċedonja tal-qedem.




Ix-Xhieda ta' Ġeħova jistgħu jużaw din il-pubblikazzjoni biex jistudjaw il-Bibbja miegħek.
Biex titlob studju tal-Bibbja personali b'xejn, staqsi lil wieħed mix-Xhieda ta' Ġeħova jew imla l-formola f'www.jw.org/mt. (Ara ITLOB STUDJU TAL-BIBBJA fil-paġna tad-dħul)

- **Minn fejn ġejna?**
- **X'inhu l-iskop tal-ħajja?**
- **Alla għala jippermetti l-ħażen?**
- **X'jiġrilna meta mmutu?**
- **L-art se tinqered?**
- **X'inhu s-sigriet għall-hena fil-familja?**

Fuq kollox, li tistudja l-Bibbja se jgħinek 'tersaq qrib lejn Alla.' (Ġakbu 4:8) Imbagħad, iktar ma tersaq qrib lejn Alla, iktar se tara kif is-Saltna t'Alla tista' tfisser affarijiet tajbin għalik—mhux biss issa imma għal dejjem. Ġesù stess qal f'talba lil Missieru: **"Il-ħajja ta' dejjem** tfisser dan: li jieħdu għarfien dwarek, l-uniku Alla veru, u dwar Ġesù Kristu li int bgħatt."—Ġwanni 17:3. ■

## Xi tfisser għaliha s-Saltna t'Alla

Reċentement, tifla t'10 snin jisimha Folake kellha tikteb komponiment għall-iskola fuq is-suġġett "Dak li nħobb l-iktar f'din id-dinja." Folake għażlet li tikteb dwar għala tħobb tgħid lil oħrajn dwar is-Saltna t'Alla.

"Is-Saltna t'Alla hi gvern veru," spjegat Folake. "Imma hi inviżibbli allura ma tistax taraha—anki jekk tilbes nuċċali!"

Folake kompliet tikteb dwar il-barkiet tas-Saltna li hi speċjalment tħares 'il quddiem għalihom. Meta semmiet uħud mill-problemi li s-Saltna se ssolvi, kitbet, "Jaqbduni d-dwejjaq meta nara nies mingħajr dar jgħixu fit-toroq" kif ukoll "tfal imutu bil-ġuħ f'postijiet differenti fid-dinja kollha." Hi żiedet, "Nerġa' nkun ferħana meta naqra Isaija 65:21." Dwar bnedmin li se jgħixu taħt it-tmexxija tas-Saltna t'Alla, dak il-vers iwiegħed: "Se jibnu djar u jgħammru fihom; u jħawlu għelieqi bid-dwieli u jieklu frotthom."



Folake qalet li tħares 'il quddiem ukoll għaż-żmien meta permezz tas-Saltna tiegħu, Alla se jneħħi l-mard kollu. Fil-komponiment tagħha kkwotat Rivelazzjoni 21:4, li jgħid li Alla se "jixxottalhom kull demgħa minn għajnejhom, u ma jkunx hemm iżjed mewt, u la niket u la għajat u lanqas uġigħ." Ikkonkludiet billi reġgħet semmiet li dak li tħobb l-iktar f'din id-dinja hu li titkellem dwar Ġeħova u s-Saltna tiegħu. Jidher ċar li s-Saltna t'Alla għandha post speċjali f'qalb din it-tifla!



# "Kif nista' jien nagħmel dan il-ħażen hekk kbir?"

ĠUŻEPPI bata biex ħa n-nifs f'dik l-arja sħuna hekk kif innota r-riħa taż-żahar tal-ġilju u pjanti oħra tal-ilma. Kien qed jittieħed minn negozjanti f'karavana, li issa kienu qed jaqsmu l-art baxxa tal-bokka tax-Xmara Nil. Immaġina rġiel mexjin f'linja u jmexxu lill-iġmla tagħhom tul xmara lejn jerġa' raħal Eġizzjan ieħor, kultant jaħsdu xi russett jew xi agrett miexi fl-ilma, li jitgerrex 'l hemm. Għal darb'oħra Ġużeppi ħaseb f'daru fl-artijiet għoljin ta' Ħebron esposti għar-riħ, mijiet ta' kilometri 'l bogħod; iżda issa kien qiegħed f'dinja differenti.

Immaġina x-xadini jiċċaċċraw u jwerżqu millqċaċet tas-siġar tat-tamal u tat-tin. Dan l-iċċaċċrar tax-xadini kien bla tifsir għal Ġużeppi, l-istess bħalma kien bla tifsir id-diskors tan-nies li għadda minn ħdejhom Ġużeppi. Għandu mnejn ipprova jaqbad xi kelma jew frażi 'l hemm u 'l hawn. Forsi kien jaqbillu jitgħallimha l-lingwa. Sa fejn seta' jara hu, qatt ma kien se jerġa' jara art twelidu.

Ġużeppi kien ġuvni ta' xi 17 jew 18-il sena, madankollu diġà kien ħabbat wiċċu ma' sfidi li jaqtgħu qalb irġiel ikbar. Ħutu stess, mikulin bl-għira minħabba li Ġużeppi kien il-favorit ta' missierhom, kienu għoddhom qatluh. Minflok, kienu bigħuh lil dawn in-negozjanti. (Ġenesi 37:2, 5, 18-28) Issa, wara li vvjaġġaw għal ġimgħat sħaħ, in-negozjanti aktarx li kienu qed isiru inqas ansjużi hekk kif qorbu lejn il-belt kbira fejn kienu biħsiebhom idawru lira mill-bejgħ ta' Ġużeppi kif ukoll mill-merkanzija prezzjuża tagħhom. Ġużeppi kif żamm milli jiddispra u jaqta' qalbu għalkollox? U kif nistgħu nżommu l-isfidi u d-diżappunti milli jeqirdulna l-fidi llum? Għandna ħafna x'nitgħallmu minn Ġużeppi.

### "ĠEĦOVA KIEN MA' ĠUŻEPPI"

"Lil Ġużeppi niżżluh lejn l-Eġittu, u Eġizzjan jismu Potifar, uffiċjal tal-palazz tal-Fargħun, il-kap tal-gwardja persunali tiegħu, xtrah minn idejn l-Ismagħelin li kienu niżżluh hemmhekk." (Ġenesi 39:1) B'dak il-ftit kliem, ir-rakkont Bibliku jgħinna nimmaġinaw l-umiljazzjoni ta' raġel żagħżugħ hekk kif inbiegħ għal darb'oħra. Hu kien sempliċement proprjetà! Nistgħu nimmaġinaw lil Ġużeppi għaddej minn toroq iffollati tal-belt miżgħudin bis-swieq wara s-sid il-ġdid tiegħu, uffiċjal tal-palazz Eġizzjan, huma u sejrin lejn id-dar il-ġdida ta' Ġużeppi.

Id-dar! Din xejn ma kellha x'taqsam ma' dik li Ġużeppi kien isejħilha dar. Hu kien trabba f'familja nomada li kienu jgħixu fit-tined u li spiss iċċaqalqu minn post għal ieħor u ħadu ħsieb l-imrieħel tan-nagħaġ tagħhom. Hawn, Eġizzjani għonja bħal Potifar kienu jgħixu fi djar eleganti, miżbugħin b'kuluri jgħajtu. L-arkeoloġi jgħidu li l-Eġizzjani tal-qedem kienu dilettanti ta' ġonna mħaddrin u mdawrin b'ħitan. Kien fihom siġar biex jagħmlu d-dell u għadajjar biex ikabbru l-papiru, il-ġilji, u pjanti oħra tal-ilma. Xi djar kienu maqtugħin għalihom ġol-ġonna, b'verandi biex titgawda ż-żiffa, twieqi għoljin għall-ventilazzjoni, u ħafna kmamar, inkluż kamra tal-ikel kbira u kmamar għall-qaddejja.

Kien Ġużeppi impressjonat iżżejjed b'lussu bħal dan? Aktarx li dan ma kienx il-każ. Pjuttost ħass kemm kien verament waħdu. L-Eġizzjani kienu barranin għalih kemm fil-lingwa, fl-ilbies, fil-maxta tax-xagħar—u iżjed u iżjed fir-reliġjon. Kienu jqimu varjetà li tħawdek ta' allat, ippprattikaw l-okkult u l-arti maġika, u kienu tant jaffaxxinaw ruħhom bil-mewt u l-ħajja wara l-mewt. Però ħaġa waħda żammet lil Ġużeppi milli jinfena bis-solitudni. Ir-rakkont Bibliku jgħidilna: "Ġeħova kien ma' Ġużeppi." (Ġenesi 39:2) Bla dubju Ġużeppi ferra' qalbu ma' Alla tiegħu. Il-Bibbja tgħid li "Ġeħova hu qrib dawk kollha li jsejħulu." (Salm 145:18) Ġużeppi b'liema mod ieħor resaq qrib Alla tiegħu?

Ir-raġel żagħżugħ irrifjuta li jċedi għad-disprament, u għamel l-aħjar li seta' fix-xogħol li ngħata. B'hekk, Ġeħova kellu ħafna xi jbierek, u fi ftit żmien Ġużeppi kiseb l-approvazzjoni tas-sid il-ġdid tiegħu. Potifar ra li l-qaddej żagħżugħ tiegħu kien qed jitbierek minn Ġeħova, l-Alla tal-poplu ta' Ġużeppi, u barkiet bħal dawn bla dubju ġabu prosperità lid-dar tal-Eġizzjan. Bil-mod il-mod Potifar beda jistmah iżjed u iżjed lil Ġużeppi sakemm fada kollox f'idejn dan ir-raġel żagħżugħ kapaċi.—Ġenesi 39:3-6.

Ġużeppi ħalla eżempju vitali għaż-żgħażagħ li jaqdu lil Alla llum. Pereżempju, meta jkunu l-iskola, kultant jistgħu jsibu ruħhom f'ambjent li jħossuh stramb u barrani, dinja ossessjonata bl-okkult u ffokata fuq ħarsa negattiva u bla tama lejn il-ħajja. Jekk int qiegħed f'dik is-sitwazzjoni, ftakar li Ġeħova ma nbidilx. (Ġakbu 1:17) Hu għadu jagħti prova li jkun ma' dawk kollha li jibqgħu leali lejh u li jfittxu li jaħdmu iebes biex b'hekk jogħġbu lilu. Hu jberikhom bil-kbir, u se jagħmel l-istess lilek.

Sadanittant, jgħidilna r-rakkont, Ġużeppi kien qed jimmatura. Mhux talli sar raġel, imma talli dan iż-żagħżugħ kien "sar sabiħ fis-sura u sabiħ fid-dehra." Dan il-kliem jagħti x'tifhem li l-periklu kien fil-qrib, għax l-għotja tas-sbuħija fiżika spiss iġġib attenzjoni mhux mixtieqa u mhux xierqa.

### MA LAQAX L-AVVANZI TAGĦHA

Ġużeppi kien japprezzaha l-lealtà; madankollu mart Potifar ma kinitx. Naqraw: "Mart sidu xeħtet għajnejha fuq Ġużeppi u kienet tgħidlu: 'Imtedd miegħi.'" (Ġenesi 39:7) Kien Ġużeppi ttantat li jċedi għall-avvanzi kuraġġużi ta' din il-mara pagana? Il-Bibbja ma tagħtina ebda raġuni biex nassumu li Ġużeppi ma kienx suġġett għax-xewqat u

Mart Potifar innotat liż-żagħżugħ leali Ġużeppi



l-ġibdiet komuni għal irġiel żgħażagħ, jew li din il-mara, mara mfissda ta' uffiċjal tal-palazz għani u influwenti, ma kinitx ta' min jixtieqha fiżikament. Kien Ġużeppi se jirraġuna li sidu qatt ma kien se jkun jaf? Kien se jiġi ttantat bil-ħsieb tal-vantaġġi materjali li relazzjoni immorali bħal din setgħet toffri?

Fir-realtà, ma nistgħux inkunu nafu kull ma għadda minn moħħ Ġużeppi. Imma għandna indikazzjoni ċara ta' dak li kien f'qalbu. Dan jidher sew fit-tweġiba tiegħu: "Ara! Sidi ma jrid jaf b'xejn mingħandi dwar x'hawn fid-dar, u kulma għandu rħieh f'idejja. M'hemmx min hu akbar minni f'din id-dar, u ma ċaħħadni assolutament minn xejn ħlief minnek, għax int martu. Allura, kif nista' jien nagħmel dan il-ħażen hekk kbir u nidneb kontra Alla?" (Ġenesi 39:8, 9) Immaġina lil dan ir-raġel żagħżugħ jgħid dan il-kliem bl-ikbar sinċerità. Il-ħsieb dwar id-dnub li riditu jwettaq saħansitra weġġgħu. Għala?

Bħalma qal Ġużeppi, sidu fdah. Potifar kien ħalla daru kollha f'idejn Ġużeppi, u ma żamm xejn lura minnu minbarra lil martu. Kif seta' Ġużeppi jittradixxi dik il-fiduċja? Hu stmerr dan il-ħsieb. Imma kellu stmerrija jerġa' ikbar: il-ħsieb li attwalment jidneb kontra Alla tiegħu, Ġeħova. Ġużeppi kien tgħallem ħafna mill-ġenituri dwar il-ħarsa t'Alla lejn iż-żwieġ u l-lealtà. Ġeħova għaqqad l-ewwel żwieġ u qal eżatt x'ried. Ir-raġel u l-mara kellhom jingħaqdu flimkien u jsiru "ġisem wieħed." (Ġenesi 2:24) Dawk li pprovaw jheddu din l-għaqda ssograw iġibu fuqhom id-diżapprovazzjoni t'Alla. Pereżempju, l-irġiel li kienu għoddhom każbru lil mart Abraham, li kienet il-bużnanna ta' Ġużeppi, u lil mart Iżakk, in-nanna ta' Ġużeppi, kienu fil-periklu li jidħlu fl-inkwiet. (Ġenesi 20:1-3; 26:7-11) Ġużeppi kien tgħallimha sew dik il-lezzjoni, u kien determinat li jgħix fi qbil magħha.

Lil mart Potifar m'għoġobha xejn dak li semgħet. Dan is-sempliċi skjav ma laqax l-avvanzi tagħha, u attwalment irrefera għall-offerta tagħha bħala "ħażen hekk kbir"! Minkejja dan, ippersistiet. Forsi l-vanità u l-kburija tagħha ġew effettwati, u dan taha d-determinazzjoni biex tbiddel il-le ta' Ġużeppi f'iva. B'hekk ħasbitha bħal Satana, li ttanta lil Ġesù. L-attentat ta' Satana falla wkoll, u minflok ma qata' qalbu, Satana sempliċement stenna għal "ħin konvenjenti ieħor." (Luqa 4:13) Għalhekk nies leali jeħtieġ li jkunu determinati u sodi. U Ġużeppi hekk għamel. Għalkemm din is-sitwazzjoni kompliet "jum wara l-ieħor," hu ma kienx se jibdel fehmtu. Naqraw: "**Qatt** ma sema' minnha." (Ġenesi 39:10) Mart Potifar, madankollu kienet seduttriċi determinata.

Hi għażlet ħin meta l-qaddejja kollha kienu barra mid-dar. Kienet taf li Ġużeppi kien se jkollu jidħol ġewwa biex jaħdem. Meta daħal, ipprovat tonsbu. Qabditu minn ħwejġu u talbitu għall-aħħar darba: "Imtedd miegħi!" Ġużeppi rreaġixxa mill-ewwel. Ħarab mill-qabda soda tagħha u nġibed lura—imma hi baqgħet iżżomm l-ilbies tiegħu. Hu żgiċċalha u ħalla ħwejġu f'idejha. U mbagħad ħarab!—Ġenesi 39:11, 12.

Għandu mnejn niftakru fil-parir ispirat tal-appostlu Pawlu: "Aħarbu miż-żína." (1 Korintin 6:18) X'eżempju ħalla Ġużeppi għall-Kristjani veri kollha! Jista' jkun li nsibu ruħna naħdmu fil-qrib ma' wħud li m'għandhom l-ebda rispett għal-liġijiet morali t'Alla, imma dan ma jfissirx li għandna nċedu għal influwenzi ħżiena. Akkost ta' kollox, għandna naħarbu.

Fil-każ ta' Ġużeppi, swielu qares. Mart Potifar riedet tpattihielu. Infexxet twerżaq u sejħet lill-qaddejja l-oħra biex jidħlu d-dar. Qalet li Ġużeppi kien ipprova jistupraha u li kien ħarab meta werżqet. Hi baqgħet iżżomm l-ilbies tiegħu li kienet se tuża bħala prova kontrih u stenniet lil żewġha jirritorna. Meta Potifar wasal id-dar, hi qaltlu l-istess gidba u sostniet li kien kollu t-tort ta' żewġha talli ġab lil dan il-barrani f'darhom. Kif irreaġixxa Potifar? Naqraw: "Ir-rabja tiegħu xegħlet"! Qabad u tefgħu l-ħabs.—Ġenesi 39:13-20.

### "BL-IRBIT WEĠĠGĦULU SAQAJH"

Ftit nafu dwar kif kienu l-ħabsijiet Eġizzjani ta' dak iż-żmien. L-arkeoloġi sabu fdalijiet ta' postijiet bħal dawn—strutturi kbar qishom fortizzi, b'ċelel fuq u taħt l-art. Ġużeppi iktar tard iddeskriva l-post bħala "l-ħofra," li ġġiblek f'moħħok post mudlam u bla tama. (Ġenesi 40:15)



Ġużeppi ħadem iebes fil-ħabs, u Ġeħova bierku

Mill-ktieb tas-Salmi nitgħallmu li Ġużeppi għadda minn iżjed torturi: 'Bl-irbit weġġgħulu saqajh, kien marbut bil-ħadid.' (Salm 105:17, 18) Kultant l-Eġizzjani rabtu dirgħajn il-priġunieri wara daharhom minn minkbejhom; oħrajn kellhom kullari tal-ħadid ma' għonqhom. Min jaf kemm sofra u ġie maltrattat Ġużeppi—meta ma kien għamel xejn li jisthoqqlu dan kollu!

Iktar minn hekk, dan ma ġarax għal perijodu qasir. Ir-rakkont jgħid li Ġużeppi "baqa' hemmhekk fil-ħabs." Qatta' s-snin f'dak il-post mistmerr!* U Ġużeppi ma kienx jaf jekk qattx kien se jiġi liberat. Hekk kif dawk l-ewwel ftit jiem terribbli saru ġimgħat, imbagħad xhur, kif żamm milli jaqta' qalbu u jiddispra?

Ir-rakkont jagħtina din it-tweġiba rassiguranti: "Ġeħova baqa' jkun ma' Ġużeppi u baqa' jurih il-qalb tajba bl-imħabba." (Ġenesi 39:21) L-ebda ħajt ta' ħabs, l-ebda rbit, l-ebda ċella mudlama taħt l-art ma tista' żżomm il-qalb tajba bl-imħabba ta' Ġeħova milli tilħaq lill-qaddejja tiegħu. (Rumani 8:38, 39) Nistgħu nimmaġinawh lil Ġużeppi, iferra' l-agunija ta' qalbu fit-talb lill-għażiż Missieru tas-sema u mbagħad jikseb dik il-paċi u l-kalma li jista' jagħti "l-Alla ta' kull faraġ." (2 Korintin 1:3, 4; Filippin 4:6, 7) Ġeħova x'għamel iżjed għal Ġużeppi? Naqraw li Ġużeppi baqa' "jsib il-ħniena f'għajnejn l-uffiċjal ewlieni tal-ħabs."

Milli jidher, il-priġunieri kienu jingħataw ix-xogħol x'jagħmlu, u għal darb'oħra Ġużeppi ta lil Ġeħova xi ħaġa xi jbierek. Ġużeppi ħadem iebes u rsista fix-xogħol kollu li ngħatalu, u ħalla l-bqija f'idejn Ġeħova. Bil-barka ta' Ġeħova, Ġużeppi kiseb il-fiduċja u r-rispett, eżatt bħalma kiseb f'dar Potifar. Naqraw: "Għalhekk, l-uffiċjal ewlieni tal-ħabs ħalla f'idejn Ġużeppi l-priġunieri kollha li kienu l-ħabs; u kulma kienu qed jagħmlu hemmhekk, hu kien li ordnalhom biex jagħmluh. L-uffiċjal ewlieni tal-ħabs ma kien qed jieħu ħsieb assolutament xejn li kien fdat f'idejh [Ġużeppi], għax Ġeħova kien ma' Ġużeppi, u f'dak li kien jagħmel, Ġeħova kien qed jgħinu jirnexxi." (Ġenesi 39:22, 23) Kemm tfarraġ Ġużeppi li kien jaf li Ġeħova kien qed jieħu ħsiebu!

Jistgħu jinqalgħu l-għawġ u l-problemi fil-ħajja tagħna, saħansitra xi inġustizzji kefrin, imma nistgħu nitgħallmu ħafna mill-fidi ta' Ġużeppi. Jekk nibqgħu qrib Ġeħova fit-talb, nibqgħu leali lejn il-kmandi tiegħu, u naħdmu iebes f'dak li hu tajjeb f'għajnejh, aħna nagħtuh xi ħaġa xi jbierek. Fil-każ ta' Ġużeppi, Ġeħova kellu jerġa' barkiet ikbar preparati għalih, bħalma se naraw f'artikli fil-futur ta' din is-serje. ■

* Il-Bibbja tindika li Ġużeppi kellu madwar 17 jew 18-il sena meta daħal f'dar Potifar u li dam hemm sakemm sar raġel żagħżugħ—forsi għal ftit snin. Kellu 30 sena meta ħareġ mill-ħabs.—Ġenesi 37:2; 39:6; 41:46.



# Kont ngħix ħajja egoistika

KIF RAKKONTATA MINN
**CHRISTOF BAUER**

SENA TAT-TWELID
1951
POST TAT-TWELID
IL-ĠERMANJA
PASSAT
ATTITUDNI MKABBRA U INDIPENDENTI



**IL-PASSAT TIEGĦI:** Għall-ewwel ftit snin ta' ħajti, il-familja tiegħi għexet qrib Leipzig, fil-Ġermanja tal-Lvant, mhux 'il bogħod mill-fruntiera Ċeka u dik Pollakka. Meta kelli sitt snin, minħabba x-xogħol ta' missieri konna ngħixu barra l-pajjiż—l-ewwel fil-Brażil u mbagħad fl-Ekwador.

Ta' 14-il sena ntbgħatt ngħix fi skola fil-Ġermanja. Peress li l-ġenituri kienu 'l bogħod fl-Amerika t'Isfel, kelli nieħu ħsieb tiegħi nnifsi. Sirt indipendenti ħafna. Ma kontx inħabbel rasi kif l-azzjonijiet tiegħi kienu jeffettwaw lil ħaddieħor.

Meta kelli 17-il sena, il-ġenituri rritornaw il-Ġermanja. Għall-ewwel, kont ngħix taħt is-saqaf tagħhom. Imma l-attitudni indipendenti tiegħi għamlithieli impossibbli li nerġa' nintegra ruħi fil-familja. Meta kelli 18-il sena tlaqt mid-dar.

Sirt iżjed bla sabar, dejjem infittex skop fil-ħajja. Wara li kkunsidrajt diversi stili ta' ħajja u organizzazzjonijiet, ikkonvinċejt ruħi li l-aħjar ħaġa li stajt nagħmel fil-ħajja kienet li nesplora din il-pjaneta mill-isbaħ qabel ma tinqered mill-bniedem.

Tlaqt mill-Ġermanja, xtrajt mutur, u rħejtilha lejn l-Afrika. F'qasir żmien kelli nirritorna lejn l-Ewropa biex insewwi l-mutur. Ftit wara sibt ruħi fuq xatt il-baħar fil-Portugall. Iddeċidejt li nħalli l-mutur warajja u nibda nivvjaġġa bil-baħar.

Ingħaqadt ma' grupp ta' żgħażagħ li kienu qed jippreparaw biex jaqsmu l-Oċean Atlantiku. Fosthom iltqajt mal-mara futura tiegħi, Laurie. L-ewwel baħħarna lejn il-gżejjer tal-Karibew. Imbagħad, wara waqfa qasira fi Puerto Rico rritornajna l-Ewropa. Konna qed nisperaw li nsibu dgħajsa tal-qlugħ li stajna nikkonvertu f'waħda bil-mutur u li stajna ngħixu fiha. Imma wara tfittxija qasira ta' tliet xhur biss, il-proġett spiċċa ħesrem. Inqbadt bil-lieva mill-armata Ġermaniża.

Qattajt 15-il xahar mal-flotta Ġermaniża. Matul dak iż-żmien, jien u Laurie żżewwiġna u ppreparajna biex inkomplu bl-istil ta' ħajja tal-ivvjaġġar. Ftit qabel spiċċajt

mil-lieva, konna xtrajna qoxra ta' dgħajsa tas-salvataġġ. Waqt li kont qiegħed fil-militar, bil-mod il-mod ikkonvertejna l-qoxra f'dgħajsa tal-qlugħ żgħira. Konna qed nippjanaw li ngħixu fiha u nibqgħu nesploraw din il-pjaneta mill-isbaħ. Kien f'dan il-punt—wara s-servizz militari tiegħi imma qabel ma lestejna d-dgħajsa—li kkuntattjawna x-Xhieda ta' Ġeħova u bdejna nistudjaw il-Bibbja.

**KIF IL-BIBBJA BIDDLITLI ĦAJTI:** Għall-ewwel ma kontx nara li kelli bżonn wisq tibdil f'ħajti. Kont miżżewweġ lill-mara li kont qed ngħix magħha, u diġà kont qtajt is-sigaretti. (Efesin 5:5) Inkwantu għall-pjanijiet li kellna li nduru d-dinja, kont naħseb li l-fatt li niddedikaw ħajjitna f'li nosservaw il-ħolqien meraviljuż t'Alla żgur li kien sforz ta' min jagħmlu.

Però, fir-realtà, kelli bżonn nagħmel tibdil—speċjalment fil-personalità tiegħi. Peress li kont estremament kburi u indipendenti ħafna, kont medhi għalkollox fl-abbiltajiet tiegħi stess u f'dak li rnexxieli nagħmel. Kont ngħix ħajja egoistika.

Darba qrajt il-famuża Prietka ta' fuq il-Muntanja ta' Ġesù. (Mattew, kapitli 5-7) Għall-ewwel, ma stajtx nifhem x'kien qed jgħid Ġesù dwar li tkun ferħan. Pereżempju, qal li dawk li huma bil-ġuħ u bil-għatx ikollhom il-ferħ. (Mattew 5:6) Kont ngħid, "Persuna kif tista' tkun ferħana jekk tkun fil-bżonn?" Hekk kif komplejt nistudja rrealizzajt li lkoll għandna bżonn spiritwali, imma bl-umiltà għandna bżonn napprezzaw dak il-bżonn qabel ma jkun jista' jimtela. Huwa bħalma qal Ġesù: "Henjin dawk li huma konxji tal-bżonn spiritwali tagħhom."—Mattew 5:3.

Wara li bdejna l-istudju tal-Bibbja fil-Ġermanja, jien u Laurie morna noqogħdu Franza, u iżjed tard, l-Italja. Kull fejn morna sibna lix-Xhieda ta' Ġeħova. Bqajt impressjonat bil-kbir bl-imħabba sinċiera għal xulxin u bl-unità li għandhom. Rajt li x-Xhieda verament huma fratellanza globali. (Ġwanni 13:34, 35) Maż-żmien jien u Laurie tgħammidna bħala Xhieda ta' Ġeħova.

Wara l-magħmudija, komplejt nagħmel tibdil fil-personalità tiegħi. Jien u Laurie ddeċidejna nbaħħru lejn il-kosta Afrikana u mbagħad qsamna l-Oċean Atlantiku għall-Istati Uniti. Kien hemm barra fl-oċean—it-tnejn li aħna fuq naqra ta' dgħajsa mdawrin b'eluf ta' kilometri t'ilma—li rrealizzajt kemm m'jien xejn meta mqabbel mal-Ħallieq grandjuż tagħna. Peress li kelli ħafna ħin liberu (ma tantx issib x'tagħmel f'nofs oċean), tajtha għall-qari tal-Bibbja. Bqajt impressjonat speċjalment bir-rakkonti tal-ħajja ta' Ġesù fuq l-art. Kien raġel perfett b'abbiltajiet li kienu bil-wisq aħjar minn kulma stajt nimmaġina, madankollu qatt ma ġibed l-attenzjoni lejh innifsu. Ħajtu kienet dwar Missieru tas-sema u mhux dwaru stess.

## Rajt il-bżonn li npoġġi s-Saltna t'Alla l-ewwel f'ħajti

Hekk kif immeditajt fuq l-eżempju ta' Ġesù, rajt il-bżonn li npoġġi s-Saltna t'Alla l-ewwel f'ħajti iktar milli ndaħħalha fejn stajt madwar id-diversi affarijiet l-oħra li ridt nagħmel. (Mattew 6:33) Meta jien u Laurie fl-aħħar wasalna l-Istati Uniti, iddeċidejna nissetiljaw hemm u niffokaw fuq il-qima tagħna.

**KIF IBBENEFIKAJT:** L-istil ta' ħajja egoistika li kelli qabel kienet iġġib magħha inċertezza kbira. Madankollu, issa sibt sors ta' għerf biex jiggwidani li ma jiżbaljax. (Isaija 48:17, 18) Ksibt ukoll skop fil-ħajja li qatt ma kelli qabel—li nqim lil Alla u ngħin lil oħrajn jitgħallmu dwaru.

Li napplikaw prinċipji Bibliċi għen lili u lil Laurie nsaħħu iżjed iż-żwieġ tagħna. Ġejna mberkin ukoll b'tifla mill-isbaħ, li saret taf u tħobb lil Ġeħova.

Dan ma jfissirx li ħajjitna dejjem kienet ward u żahar. Imma bl-għajnuna ta' Ġeħova, aħna determinati li qatt ma naqtgħu qalbna jew nieqfu nafdaw fih.—Proverbji 3:5, 6. ■



## Għala nitolbu biex tiġi s-Saltna t'Alla?

Is-Saltna t'Alla hi gvern fis-sema. Ġesù qal lis-segwaċi tiegħu jitolbu biex din tiġi għax se tirrestawra s-sewwa u l-paċi fuq l-art. Ebda gvern uman ma jista' jelimina għalkollox il-vjolenza, l-inġustizzja, jew il-mard, imma s-Saltna t'Alla tista' u se tagħmlu dan. Alla għażel lil Ibnu, Ġesù, biex ikun is-Sultan tas-Saltna. Ġeħova għażel ukoll grupp ta' segwaċi ta' Ġesù biex ikunu mexxejja bi sħab ma' Ġesù fis-Saltna.—**Aqra Luqa 11:2; 22:28-30.**

Dalwaqt, is-Saltna t'Alla se tneħħi lil dawk kollha li jopponu t-tmexxija t'Alla. Mela t-talba biex tiġi s-Saltna t'Alla hi waħda biex il-gvern t'Alla jieħu post il-gvernijiet umani kollha.—**Aqra Danjel 7:13, 14; Rivelazzjoni 11:15, 18.**

## Is-Saltna t'Alla għala se tkun ta' ġid għall-bnedmin?

Ġesù hu Sultan ideali għax jagħder. Bħala Iben Alla, għandu wkoll il-qawwa biex jipprovdi l-għajnuna għal dawk kollha li jitolbu bil-qalb biex Alla jgħinhom.—**Aqra Salm 72:8, 12-14.**

Is-Saltna t'Alla se tkun ta' ġid għal dawk kollha li b'sinċerità jitolbu biex tiġi u lil dawk li jġibu ħajjithom fi qbil mar-rieda t'Alla. Qatt mhu se jiddispjaċik li titgħallem x'tgħid il-Bibbja dwar is-Saltna t'Alla.—**Aqra Luqa 18:16, 17; Ġwanni 4:23.**

Trid tkun taf iktar dwar is-Saltna t'Alla u x'se twettaq?




Għal iktar informazzjoni, ara kapitlu 8 ta' dan il-ktieb, ippubblikat mix-Xhieda ta' Ġeħova

Disponibbli wkoll fuq www.jw.org/mt

AQRA T-TWEĠIBIET GĦAL IKTAR MISTOQSIJIET DWAR IL-BIBBJA ONLAJN

JW .ORG ™

Dawnlowds b'xejn ta' din ir-rivista u ħarġiet oħrajn

Il-Bibbja disponibbli onlajn b'iktar minn 100 lingwa

Żur **www.jw.org/mt** jew skenja l-kodiċi

wp14 11/01-MT [g] 140808